MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2008

Numru 82/2008

Carmen Borg .

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex.

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat, ta' Carmen Borg, illi permezz tiegħu, wara li ppremettiet;

1. Illi hija twieldet fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u erbgħin (1944) u dan it-twelid ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru erbgħa u għoxrin tas-sena elf disa' mija ħamsa u erbgħin (24/1945).

2. Illi dan l-att tat-twelid relattiv għat-twelid ta' l-attriċi huwa skorrett billi fil-kolonna intestata isem il-wild isem l-

attriċi jidher bħala Maria Carmela meta dan kellu ikun Carmen.

3. Illi fil-fatt sa minn twelidha l-attriċi dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Carmen. Hekk meta żżewġet, ħarġet fil-kamp tax-xogħol, u anke meta emigrat lejn l-Awstralja. Dejjem kienet magħrufa bl-isem ta' Carmen u ħadd ma għajtilha Maria Carmela, lanqas l-istess ġenituri tagħha.

4. Illi dan ir-rikors qed isir u jiġi kkonfermat bil-ġurament minn Carmen Borg li għandha konoxxenza vera u proprja għall-fatti li taw lok għal din il-kawża.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid numru erbgħa u għoxrin tas-sena elf disa' mija ħamsa u erbgħin (23/1945) reġistrat fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex huwa skorrett billi fil-kolonna intestata isem il-wild dan l-isem kellu jidher mhux bħala Maria Carmela iżda bħala Carmen.

2. konsegwentement tordna illi ssir id-debita korrezzjoni billi fil-kolonna intestata isem il-wild u kull fejn jinkorri l-isem ta' Maria Carmela fuq l-istess att tat-twelid dan jiġi sostitwit u mibdul bl-isem ta' Carmen.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenut minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors, u ċioe' bħala dokument A, estratt mill-att tat-twelid ta' l-attriċi Carmen Borg; u bħala dokument B, affidavit ta' Carmen Borg.

Rat ukoll ir-risposta ġuramentata tal-konvenut direttur tar-Reġistru Pubbliku, li permezz tagħha huwa eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti mhux qiegħed jopponi ruħu għat-talba tar-rikorrenti u għalhekk qieghed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat id-degriet tagħha tat-tletinn (30) ta’ Lulju, 2008 li permezz tiegħu awtorizżat lill-attriċi sabiex tipproċedi din il-kawża permezz ta’ l-għajnuna legali,

Il-Qorti, għal hekk, u in vista ta’ dak li ddikjarat bil-ġurament tagħha l-attriċi u peress illi jidħrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tilqa’ l-istess talbiet attriċi, u,

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid numru erbgħa u għoxrin tas-sena elf disa’ mija ħamsa u erbgħin (23/1945) reġistrat fir-reġistru Pubbliku għal Għawdex huwa skorrett billi fil-kolonna intestata isem il-wild dan l-isem kellu jidher mhux bħala Maria Carmela iżda bħala Carmen.

2. konsegwentement tordna illi ssir id-debita korrezzjoni billi fil-kolonna intestata isem il-wild u kull fejn jinkorri l-isem ta’ Maria Carmela fuq l-istess att tat-twelid dan jiġi sostitwit u mibdul bl-isem ta’ Carmen.

In vista tan-natura ta’ din il-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------